## GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

### SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA, 16 TA' JANNAR, 2001

*Avviz. Nru 1887/00 AJD*

Elmo Insurance Agency Limited

vs

Teresa Sarah El Burani

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Novembru, 2000, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sbatax il-lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm17.94) dovuti bhalla 'premium' fuq polza ta' assikurazzjoni mahruga favur il-konvenuta (Dok. A). Il-kumpanija attrici interpellat kemm il-darba lill-konvenuta biex thallas u anki baghatitilha ittra legali interpellatorja fid-29 ta' Settembru, 2000, (Dok. B), izda ghal xejn.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tad-29 ta' Settembru, 2000, u bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-30 ta' Settembru, 2000, kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Joe Mula, rapprezentant tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sbatax il-lira Maltin u erbgah u disghin centezmu (Lm17.94) bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-30 ta' Settembru, 2000, sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR